**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**05 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 43/2023**

**Matthew Agius**

**Vs**

**L-Awtorità ta' l-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Matthew Agius** ippreżentat fl-4 ta' April 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi l-esponenti qiegħed jissottometti dan l-appell mid-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata datata l-16 ta' Marzu 2023 (kopja mehmuża u mmarkata 'Dok. A');*

*Illi l-esponenti kien issottometta applikazzjoni mal-Awtorita' intimata (PLA1/2022/3179) fejn talab 'Request for the consent of the Lands Authority to submit a development planning application' sabiex jissottometti applikazzjoni mal-Awtorita' Għall-Ippjanar għal 'Proposed construction of basement garage underlying existing public pavement area'.*

*Illi permezz tad-deċiżjoni datata 16 ta' Marzu 2023, l-awtorita' intimata irrifjutat tali applikazzjoni għar-raġuni li "the proposal seeks to develop an area which is part of the urban greening infrastructure in a Housing Estate. In addition applicant does not have a valid title on this property.*

*Illi l-esponenti ħassu aggravat b'tali deċiżjoni u qiegħed iressaq dan l-umli appell tiegħu minħabba s-segwenti:*

***a. Urban Greening Infrastructure in a Housing Estate***

1. *Illi l-oġġezzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet għall-applikazzjoni magħmula mill-esponenti tirrifletti l-kwistjoni ta' urban greening infrastructure f'housing estate.*

2. *Illi l-esponenti jirrikonoxxi l-importanza ta' Green infrastructure anke għaliex huwa obbligu ta' pajjiżna li jsegwi dan il-pjan ta' strateġija skont direttivi tal-Unjoni Ewropeja.*

3. *Illi madankollu, preżentament il-post, kif jidher mil-pjanti mill-Perit Chris Cachia u minn ritratti tas-sit, annessi u mmarkati Dok B, mhuwiex moni bl-ebda forma ta' biodiversita' jew jinsab imħaddar b'siġar jew pjanti in linea ma urban greening infrastructure plan.*

4. *Illi għal kuntrarju, il-post miftuħ huwa magħmul min art tal-bricks bħal bankina u mhux ġnien.*

5. *Illi kif ippreżentat fil-pjanti annessi mal-applikazzjoni, l-esponenti talab permess sabiex jagħmel basement garage ossia taħt il-bankina u dan sabiex proprju ma jtellef bl-ebda mod l-ispazju miftuħ li preżentament jeżisti.*

6. *Illi di piu' fl-ebda mument fil-permessi meħtieġa ma kien mitlub iniżżel il-pjanijiet tiegħu vis a vis l-urban greening infrastructure.*

7. *Illi għaldaqstant l-esponenti jinsab perpless kif il-permess tiegħu ġie miċħud abbażi ta' policy segwita mil-Awtorita' tal-Artijiet u dan mingħajr ma huwa kjarifikat xinhu mistenni mill-applikant.*

8. *Illi l-esponenti jirrimarka li fl-ebda mument fl-applikazzjoni ma kellu pjanat li se jkun qed ibiddel il-wiċċ tat-triq jew tal-ispazju miftuħ minn kif inhu preżenti.*

9. *Illi mingħajr preġudizzju, l-esponenti li jekk ikun mitlub li jinkludi fil-proġett element ta' urban greening infrastructure huwa se jkun qed jagħmel dan u a spejjeż tiegħu.*

**b. *Titlu mhux validu fuq il-propjeta'***

10. *Illi t-tieni oġġezzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex iwettqu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa għal kostruzzjoni ta' garaxx taħt l-art fl-art imsemmija fl-applikazzjoni bin-numru L/633/1975/1, hija dwar il-kwistjoni tat-titolu.*

11. *Illi fl-ebda mument fl-applikazzjoni, l-esponenti ma vvanta xi titolu fuq l-art in kwistjoni.*

12. *Illi l-applikazzjoni innifisha tirrifletti dan għaliex proprju saret tali applikazzjoni bin-numru GLA12 meta persuna titlob li takkwista art tal-Gvern għal żvilupp.*

13. *Illi għaldaqstant din ir-raġuni għal refusal lanqas mgħandha bażi legali sabiex jiġi rrifjutat tali proġett.*

**c. *Aspettazzjoni leġittima***

14. *Illi ftit tas-snin ilu, proprju ftit snin qabel u ftit metri 'l isfel, l-Awtorita' tal-Artijiet aċċettat permess għal numru ta' garaxxijiet għas-sidien tal-propjetajiet ajdaċenti.*

15. *Illi kien għalhekk illi l-esponenti kellu aspetazzjoni leġittima illi l-applikazzjoni odejrna kienet se tiġi aċċettata u dan fi sfond li l-kriterji mitluba kienu simili jekk mhux l-istess.*

16. *Illi l-applikazzjoni mill-esponenti saret f'żona fejn ma hemmx residenzi u propjetajiet oħra u għaldaqstant din l-applikazzjoni mhux se tkun qed taffettwa d-drittijiet ta' sidien oħra ta' propjetajiet adjaċenti.*

17. *Illi lanqas mhu se tkun affettwata l-veduta tal-propjetajiet li jinsabu fil-fond in kwistjoni u dan għaliex il-livel tat-triq u tal-ispazju miftuħ se jkun qed jibqa l-istess u dan kif spjegat aħjar fil- pjanti tal-Perit Cachia.*

18. *Illi għalhekk din hija raġuni oħra għalfejn ir-raġuni ta' rifjut għall-applikazzjoni magħmula mill-esponenti hija bla ebda bażi legali.*

*Għaldaqstant, filwaqt li jagħmel riferenza għall-atti kollha tal-applikazzjoni tiegħu u għad-deċiżjoni datata 16 ta' Marzu 2023, u kif ukoll dan ir-rikors t'appell, u filwaqt li jirriżerva d-dritt li jagħmel sottomissjonijiet oħra ulterjuri skont il-liġi, l-appellant qiegħed jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jilqa' l-oġġezzjonijiet tiegħu, u jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-awtorita' intimata datata 16 ta' Marzu 2023, u jilqa' l-applikazzjoni tar-rikorrenti, jew fin-nuqqas jirrimanda l-atti lill-awtorita' intimata sabiex tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni tar-rikorrenti skont il-Kap 563.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet** ippreżentata fil-25 ta' April 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi din hija risposta għar-rikors ta' Appell intavolat minn Matthew Agius (KI06382M quddiem dan l-Onorabbli Tribunal*

*Illi r-rikorrent permezz ta' applikazzjoni , bin-numru ta' referenza PLA1/2022/3179 talab lill-Awtorita' intimata biex:-*

> *' Proposed Construction of basement garage underyting existing public pavement area'*

*Illi l-Awtorita' tal-Artijiet, permezz ta' ittra datata sittax (16) ta' Marzu,2023 ċaħdet din l-applikazzjoni minħabba s-segwenti raġunijiet*

*' Application is being refused on the grounds that proposal seeks to develop an area which is part of th eurban greening Infrastructure in a Houseing Estate, In addition applicant does not have a valid title on this property,*

*Illi l-applikant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u interpona dan l-appell. Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*

1. *Illi t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' hija waħda ġusta fil-forma fis-sustanza liema deċiżjoni ġiet meħuda wara li ġew ikkunsidrati numru ta' fatturi relevanti.*

2. *Rigward l-ewwel aggravju soleċitat mir-rikorrenti fuq il-parti tad-deċiżjoni tal-Awtorita' li ċaħdet din l-applikazzjoni a bażi li l-iżvillupp ser isir fuq sit li hu maħsub għall-urban greening Infrastructure f'Housing Estate.*

*Illi li kieku l-Awtorita' intimata kellha tinjora il-fatt li dan is-sit hu ear marked għall-Urban Infrastructure kieku kienet tkun qed taġixxi ultra-vires. Illi fl-ewwel lok sabiex dan is-sit ma jibqax ikkunsidrat għall-Urban Greening Infrastructure ikun meħtieġ li ssir reviżjoni tad-disposizzjoni tas-sit mill-Awtorita' konċernata imbagħad se mai ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati żvillupi fuq dan is-sit.*

*Illi propju minħabba l-fatt li kif qed jiġi ammess mir-rikorrent li s-sit mertu tal-każ odjern mhuwiex imħaddar b'siġar jew pjanti, ikompli jikkonferma il-bżonn li dan is-sit jiġi preservat għal potenzjal tal-proġett bi skop ta urban greening Infrastructure. Dan kien l-ispirtu wara d-deċiżjoni li dan is-sit jiġi protett għal dan il-għan. Wara kollox dan hu l-ispirtu ukoll tal-pajjiż kollu li embarka fuq viżjoni għal pajjiż fejn l-ispazji pubbliċi jingħataw prijorita'*

*Illi issir referenza għad-deċiżjoni tal-**Qorti tal-Appell Rik numru 114/2020 Carmelo Borg VS Awtorita' tal-Artijiet** mogħtija f'Ottubru, 2022 li fiha il-Qorti ikkostat li sit li kien maħsub bħala Green area mill-Awtorita' tal-Artijiet f'konċesjoni enfitewtika li ingħatat b'tender kellu jibqa hekk kemm fis-sottoswol kif ukoll fil-livell tat-triq u għalhekk f'din id-deċiżjoni kienet ikkonfermata id-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li tiċħad l-applikazzjoni għal żvilupp ta' mina taħt l-art*

*Illi inoltre l-Awtorita' tagħmel il-ġudizzju tagħha skont il-pjanti li jkunu sottomessi u għalhekk kieku ir-rikorrenti kellu xi pjanijiet għal urban greening kien imissu ssottomettihom hu. Di piu' dan hu appell minn applikazzjoni li ġiet sottomessa kif inhi, dan l-appell ma jistax' jintuża sabiex jikkoreġi applikazzjoni li saret quddiem l-Awtorita' li hi diffetuża. Jekk ir-rikorrent iħoss li għandu jikkoreġi l-applikazzjoni tiegħu, m'għandux juża dawn il-proċeduri biex jagħmel dan, iżda jerġa' jissottometti l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid.*

3. ***Rigward it-tieni aggravju soleċitat mir-rikorrenti fuq it-titlu mhux validu tal-propjeta'***

*Illi r-rikorrenti stess fir-rikors promotur ikkonferma li m'għandux titolu validu. Illi dan l-appell hu fuq applikazzjoni li hi imsemija bħala PLA application . L-iskop tal-applikazzjoni kif imniżżel fuq is-sit elettroniku tal-Awtorita' hu : Request for Consent of The Lands Authority to Submit a Development Planning Application in Terms of Article 71(4) Of Chapter 552 Of the Laws of Malta'. Illi fuq ir-rekwiżiti għal din l-applikazzjoni hemm imniżżel b'mod ċar li jekk peruna m'għandix titolu fuq il-propjeta trid issir applikazzjoni tal-GLA1:*

<u>*Request to The Lands Authority for The Disposal of Government Property in Terms of Articles 31 (a) Or 31(b) Of Chapter 573 Of the Laws of Malta.*</u>

*Illi in primis dan hu appell minn ċaħda ta' appell minn PLA u mhux minn GLA 1 u għalhekk se mai kellu jagħmel talba sabiex ikollu titlu fuq il-propjeta qabel . U fit-tieni punt ir-rikorrenti qal li applika għal GLA 12 li hi talba għal-encroachment fuq art tal-Gvern. Illi se mai minn dik it-talba kienet rifjutata, ikun hemm ukoll id-dirtt ta' appell*

*Illi finalment l-Applikazzjoni innifisha li intavola u ffirma għaliha l-istess rikorrent tiddikjara li 'shall not confer any rights over the government property, which were not previously vested;"*

4. ***Rigwardi it-tielet aggravju fuq aspettativa leġittima***

*Illi ir-rikorrenti jargumenta li inħolqitu aspettativa leġittima stante li l-Awtroita' tal-Artijiet aċċettat permess għal numru ta' garaxxijiet f'sit adjaċemti. Illi bid-dovut rispett*

*dan l-argument ma jreġiex. Fl-ewwel lok ma nġiebet l-ebda prova f'dan l-istadju fuq dan il-permess lli qed jingħad li ħareġ. Fit-tieni lok u bla preġudizzju għal sureferit ,l-Awtorita' tal-Artijiet mhijiex marbuta bid-deżijonijeit tagħha jekk tali deċiżjonijiet ikunu jistgħu jiġu imtejjba.*

*Fit-tielet lok skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea aspettattiva leġittima tista' tiġi kkonsidrata bħala possediment tutelabbli "only where it has a sufficient basis in national law, for example where there is settled case-law of the domestic courts confirming it" u tkun tikkostitwixxi "an assertable right which…may not fall short of a sufficiently established, substantive proprietary interest under the national law." Tali sentenza tistipula ukoll li : "A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act such as a judicial decision."*

*Illi fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna hu altru minn ovvju li m`hemm l-ebda aspettativa leġitimttima konkreta b'patt legali jew deċiżjoni ġuridika . Illi ir-rikorrenti kellu biss it-tama li dan il-permess jiġi approvat, iżda it-tama hija kunċett ferm distint u kuntarju għall-aspettativa leġittima.*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li tiċħad l-applikazzjoni PLA1/2022/3179.*

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra datata 16 ta' Marzu 2023 li permezz tagħha ġie nfurmat illi t-talba tiegħu għal *"proposed construction of basement garage underlying existing public pavement area"* kienet qed tiġi rifjutata għas-segwenti raġunijiet, u ċioe`:

*"proposal seeks to develop an area which is part of the urban greening infrastructure in a Housing Estate. In addition applicant does not have a valid title on this property."*[1]

**Norton Chalker**, uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi l-proposta tar-rikorrent kien il-bini ta' garaxx taħt bankina pubblika.[2] Spjega li r-rikorrent m'għandux titolu fuq is-sit li jixtieq jiżviluppa f'garaxx, liema sit jinsab f'żona ta' żvilupp. Sitwazzjoni bħal din hija regolata b'*policy* tal-Awtorita`,

[1] Dokument A a fol. 6
[2] Ara Dokument NC1 a fol. 43

u ċioe` l-*Policy* APPL 5 li tgħid li applikazzjonijiet għal *no objection in principle* fuq art tal-Gvern fejn applikant m'għandux titolu jistgħu jintlaqgħu biss jekk l-art qiegħda barra ż-żona tal-iżvilupp.[3] Spjega li, iktar minn hekk, peress li parti mis-sit in kwistjoni għadu suġġett għall-proċess t'akkwist da parti tal-Gvern, tapplika l-*Policy* APPL16 li tistipula li applikazzjonijiet għal *no objection in principle* jintlaqgħu biss jekk it-talba ssir minn entita` pubblika, jew inkella, minn terzi fejn l-applikazzjoni tkun għal tiswija tal-proprjeta`.[4]

Fir-rigward ta' żviluppi simili li hemm fil-viċinanzi, is-Sur Chalker spjega li, wara li sar dan l-appell, irriżultalu li s-siti indikati mir-rikorrent kienu ġew żviluppati f'garaxxijiet wara li saru żewġ kuntratti ta' bejgħ bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u terzi u dan wara li l-istess siti nħarġu b'sejħa għall-offerti.

**Ir-rikorrent Matthew Agius** xehed illi hu u martu xtaqu jixtru art tal-Gvern biex jiżviluppawha f'garaxx taħt żona pedonali ġewwa l-Kalkara. Spjega li minħabba r-rabtiet familjari li għandu maż-żona huwa xtaq li jkollu garaxx fl-inħawi. Għalhekk fit-28 ta' Lulju 2022 huwa ssottometta applikazzjoni GLA12[5] u sussegwentement issottometta applikazzjoni PLA1. Wara li ssottometta l-applikazzjoni GLA12, fit-28 ta' Settembru 2022 huwa ġie nfurmat permezz ta' emejl minn uffiċjal tal-Awtorita`intimata li l-istess applikazzjoni ma kinitx l-applikazzjoni korretta iżda riedet tiġi sottomessa applikazzjoni PLA1.[6] Spjega li huwa ħalla kollox f'idejn il-Perit li permezz ta' emejl datata 29 ta' Settembru 2022, kien ġibed l-attenzjoni ta' Fiona Sayan, Manager mal-Awtorita` intimata, li l-PLA1 titlob li l-applikant ikollu titolu fuq l-art u li l-klijent tiegħu ma kellux titolu fuq l-art in kwistjoni.[7] Fiona Sayan wieġbet lill-Perit permezz ta' emejl datata 29 ta' Settembru 2022 li kienu konxji ta' dan pero` xorta kellu jipproċedi bl-applikazzjoni PLA1 u li kienet se tinnotifika lis-*Senior Manager* tal-PLA1s.[8] Għalhekk il-Perit ipproċeda billi ppreżenta l-applikazzjoni PLA1. Sussegwentement, fl-24 ta' Novembru 2022, il-Perit irċieva komunikazzjoni da parti tal-Awtorita` intimata fejn inġibditlu l-attenzjoni li l-applikant ma kellux titolu fuq l-art.[9] Fit-28 ta' Novembru 2022 ir-rikorrent wieġeb fis-sens li hu ġie dirett jissottometti applikazzjoni PLA wara direzzjoni minn Fiona Sayan.

---

[3] Ara Policy APPL 5 a fol. 61
[4] Ara Policy APPL 16 a fol. 62
[5] Dokument MA1 a fol. 104
[6] A fol. 85 u 86
[7] A fol. 85
[8] A fol. 84
[9] A fol. 83

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti fil-mori ta' dan l-appell jirriżulta illi t-talba li r-rikorrent ressaq quddiem l-Awtorita` intimata ġiet sottomessa fuq applikazzjoni żbaljata, u ċioe` l-formula PLA1 minflok il-formula GLA1. Illi l-formula ta' applikazzjoni PLA1 hija ntiża għal talba għall-kunsens tal-Awtorita` intimata biex persuna tissottometti applikazzjoni għal permezz ta' żvilupp mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar meta l-iżivlupp ikun se jsir fuq art tal-Gvern li diġa tkun ġiet konċessa lilu b'xi titolu. Mentri l-applikazzjoni GLA1 hija sabiex persuna titlob li takkwista art pubblika wara sejħa għall-offerti jew permezz ta' rkant pubbliku.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent oriġinarjament ipproċeda billi ssottometta applikazzjoni GLA12, liema applikazzjoni tirrigwarda talba għal *encroachment* fuq art tal-Gvern. Meta l-Awtorita` intimata vvettjat l-istess applikazzjoni, infurmatu li huwa ried jipproċedi skont l-applikazzjoni PLA1, u dan nonostante li l-istess Awtorita` ġiet infurmata li r-rikorrent ma kellu ebda titolu fuq l-art li dwarha kienet qed issir l-applikazzjoni. Illi wara li ssottometta l-applikazzjoni PLA1, kif dirett, huwa ġie nfurmat li t-talba tiegħu għall-kunsens tal-Awtorita` intimata sabiex jipproċedi b'applikazzjoni ta' żvilupp mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar ġiet rifjutata.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ġie żgwidat mill-Awtorita` intimata nnifisha dwar liema kienet l-applikazzjoni li kellha tiġi sottomessa fir-rigward tat-talba tiegħu. Illi filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent issottometta applikazzjoni fuq formola żbaljata, dan sar fuq direzzjoni tal-istess Awtorita`. Kwindi, għalkemm fis-sustanza d-deċiżjoni appellata illi r-rikorrent m'għandu ebda titolu validu fuq l-art in kwistjoni hija waħda tajba, madanakollu d-direzzjoni żbaljata da parti tal-Awtorita` se tittieħed in konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż.

Illi t-Tribunal jista' jieqaf hawn peress li r-rikorrent ippreżenta applikazzjoni żbaljata. Pero` jħoss li għandu jeżamina wkoll iż-żewġ aggravji l-oħra mressqa mir-rikorrent. Illi permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrent jisħaq li l-garaxx li jrid jagħmel m'hu se jtellef xejn mill-*greening infrastructure.* Mir-ritratti esebiti jirriżulta li preżentement l-art sovraposta għall-garaxx propost hija spazju miftuħ, liema spazju jinkludi xi ħamrija b'xi siġar ġo fiha. Illi għalkemm ma jirriżultax illi b'dak propost dan l-ispazju se jintmiss b'xi mod peress li l-istess żvilupp qed ikun propost li jsir taħt l-istess spazju, madankollu jekk ikun hemm pjanijiet li se jitħawwlu xi siġar, dan jista' jkun problematiku jekk is-sottoswol ikun qed iservi ta' garaxx, u dan minħabba li

s-siġar iridu ċertu fond ta' ħamrija. Kwindi, fil-fehma tat-Tribunal proġetti ta' *urban greening* jistgħu jiġu preġudikati. Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-parti tad-deċiżjoni appellata relatata mal-*urban greening infrastructure* hija waħda raġjonevoli fiċ-ċirkostanzi.

Illi permezz tat-tielet aggravju, r-rikorrent jisħaq illi huwa kellu aspettattiva leġittima li t-talba tiegħu kienet se tiġi milqugħa. Dan jisħqu stante li ftit tas-snin ilu, l-Awtorita` intimata tat permess għall-kostruzzjoni ta' garaxxijiet proprju ftit metri 'l bogħod fl-istess triq. Dan jirriżulta ppruvat kemm mix-xhieda ta' Norton Chalker u anke mill-pjanti annessi mal-kuntratti ta' terzi.[10] Illi, pero`, kif spjega s-Sur Chalker fid-deposizzjoni tiegħu, l-istess permessi ngħataw wara li l-istess siti kienu nxtraw minn terzi wara sejħa għall-offerti u dan kif anke jirriżulta mill-kuntratti esebiti mill-Awtorita` intimata.[11] Illi jista' jkun li r-rikorrent ma kienx jaf b'dan kollu qabel intavola dan l-appell. Għalhekk dan it-Tribunal ma jqisx illi bil-fatt biss li r-rikorrent ra illi kienu ġew kostruwiti żewġ garaxxijiet ftit metri 'l bogħod mis-sit in kwistjoni, dan ħoloq fih xi aspettattiva leġittima illi huwa kien se jiġi mogħti awtorizzazzjoni li jibni garaxx fis-sit in kwistjoni, u dan stante li, fost oħrajn, a differenza tas-siti żviluppati minn terzi, huwa ma għandu ebda titolu validu fuq is-sit in kwistjoni. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**DECIDE**

It-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

In vista li r-rikorrent ġie żgwidat mill-Awtorita` intimata dwar liema applikazzjoni kellu jissottometti, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**

---

[10] A fol. 66 u a fol. 71
[11] A fol. 63 u a fol. 68